MT

TEATRU MALTA

# Każin Sittin+

**SEJĦA GĦALL-PERSUNI IKBAR FL-ETÀ INTERESSATI LI JIKSBU ĦILIET TEATRALI**

Anzjanita` Attiva u Kura fil-Komunita`
Active Ageing & Community Care

teatrumalta.org.mt



Ritratti ta' Lindsey Bahia

Qatt xtaqt titgħallem dwar
it-teatru u ssir attur?
Issa għandek iċ-ċans.

## X'inhu Każin 60+?

Każin 60+ se jkun proġett divertenti, kreattiv u mmexxi mir-riżultati tat-tagħlim, ibbażat fuq id-dinja tat-teatru. F'ambjent ta' grupp, żewġ prattikanti tat-teatru u atturi se jmexxu żewġ gruppi lejn il-kisba ta' esperjenzi teatrali ġodda. Se jiġu wkoll mistiedna xi tuturi għal uħud mis-sessjonijiet bl-għan li jaqsmu l-għarfien espert tagħhom fil-qasam tal-Arti u tal-Ispettaklu.

Dan il-proġett se jkun divertenti – mimli b'logħob tat-teatru, improvizzazzjonijiet, moviment, kant, qari u tagħlim possibbli ta' xeni u testi żgħar. Dan l-ispazju kreattiv se jinqasam u se jitgawda minn persuni tal-istess fehma li ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja, filwaqt li jagħtihom l-opportunità jiżviluppaw il-ħbiberiji ġodda.

Minn sessjoni għal oħra, il-grupp il-ġdid ta' atturi se jikseb kemm esperjenza kif ukoll kunfidenza, li tista' tgħin meta wieħed ikun fuq il-palk jew ikun qed jagħmel diskors iżda wkoll fil-ħajja ta' kuljum tiegħu.

Bħala vantaġġ ieħor, ir-riċerka dwar il-benesseri turi li l-kreattività, it-tagħlim ta' ħiliet ġodda u t-teħid ta' sfidi ġodda fis-snin aktar avvanzati jsarrfu f'sitwazzjoni ta' benefiċċju ġenerali, u din ġiet ipprovata li għandha benefiċċji fuq livell fiżiku u psikoloġiku.

## Lil min qed infittxu?

Qed infittxu bejn 15 u 20 individwi biex jiffurmaw grupp ġdid għal Każin 60+, dawn jinkludu:

- Persuni 60+ li jieħdu gost ikunu parti minn grupp.
- Persuni li jafu jiddevertu.
- Persuni li ma jibżgħux jippruvaw affarijiet għall-ewwel darba.
- Persuni li jkunu lesti jaħdmu bħala parti minn tim.
- Persuni li jħossuhom komdi jiċċaqalqu f'moviment predefinit / korjografat iżda wkoll liberu.
- Persuni li possibbilment jafu jkantaw jew idoqqu strument, iżda dan mhuwiex neċessarju.
- Esperjenza fl-ispettaklu jista' jkun ta' benefiċċju iżda mhuwiex neċessarju.

↓ **Każin 60+**
*Ritratti ta' Lindsey Bahia*



## Programm tal-kors

Il kors se jsir minn **Marzu sa Diċembru 2023** b'vaganzi matul il-festi pubbliċi, l-okkażjonijiet festivi, u b'waqfa matul is-sajf.

25 ta' Frar
awdizzjonijiet li se jwasslu għall-ispettaklu ta' Ottubru

matul Marzu u April
laqgħa darba f'ħmistax

matul Mejju u Ġunju
laqgħa darba f'ġimgħa

mill-bidu ta' Lulju sal-11 ta' Settembru
VAGANZI

mill-11 ta' Settembru 'l quddiem
minimu ta' darba f'ġimgħa, iżda jaf tiġu mgħajta aktar minn darba f'ġimgħa, skont il-progress tal-provi

16 ta' Ottubru – 22 ta' Ottubru
ġimgħa tal-produzzjoni bi spettakli fil-weekend

wara l-ispettaklu
laqgħat kull ħmistax sa nofs Diċembru

## Kif għandek tapplika:

Ibgħatilna email fuq **contact@teatrumalta.org.mt**, u jekk jogħġbok għidilna:

- Nixtiquk tgħidilna għalfejn trid tingħaqad ma' Każin 60+.
- Għidilna jekk tafx tkanta, jekk qatt dhert fuq palk qabel, jew jekk tafx iddoqq strument.
- Xi informazzjoni oħra li tixtieq taqsam magħna?

Għall-awdizzjoni, fil-25 ta' Frar 2023, ġib miegħek test li tħossok komdu bih jew ikkuntattjana fuq **contact@teatrumalta.org.mt** jew ċempel fuq **9906 3089** biex nibagħtulek biċċa għall-qari kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Inti se tiġi mitlub timla formola bid-dettalji tiegħek.

*Inti ġentilment informat li din l-informazzjoni kollha se tinżamm skont il-liġi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE_2016/679).*

**Żmien li fih għandhom jintbagħtu l-applikazzjonijiet:**
22 ta' Frar 2023, f'nofsinhar.

## Riżultati tal-applikazzjoni:

L-applikanti se jsiru jafu jekk ġewx aċċettati fi żmien ħmistax mid-data tal-awdizzjoni.

